TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 189/09

**Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi**

**vs**

**Vincent Micallef eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Simblu Diesel Services**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 ta' Mejju, 2009 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u mitt ewro (€1,100), rappreżentanti prezz ta' pompa tad-diesel li minkejja li kienet inxtrat mingħand l-intimat, kellha l-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-vettura tiegħu għand il-mekkanik Ludwig Borg fejn infurmah li kellha tinbidel il-pompa tad-diesel, liema pompa nxtrat mingħand l-intimat u minkejja li nbidlet darbtejn xorta baqa' bid-difett fil-karozza. Ir-rikorrenti kellu jieħu l-karozza għand Muscat Motors bl-ispiża ta' elf u mitt ewro (€1,100), kawża ta' xogħol ħażin magħmul mill-intimat.

L-intimat issottometta illi l-ħsara saret għand Muscat Motors, meta xi ħadd poġġa l-magna '*in gear*' u prova jistartja u b'hekk ikkaġuna l-ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra l-provi, jinnota illi Ludwig Borg kien l-ewwel persuna għand min ittieħdet il-vettura sabiex tinbidel il-pompa tad-diesel, u l-pompa tad-diesel inxtrat mingħand il-konvenut u wara ftit irriżulta li kienet difettuża, u l-konvenut żarma l-karozza sabiex isiru x-xogħolijiet meħtieġa.

Ir-rikorrenti ssottometta li l-ħsara ġiet ikkaġunata mil-fatt illi l-bolt ma tneħħiex minn min waħħlu, bil-konsegwenza li saru ħsarat estiżi fil-magna.

L-intimat jaċċetta l-fatt illi l-vettura ġiet għandu sabiex tiġi rranġata, u minħabba l-fatt li ma kellux il-pompa l-qadima, l-konvenut kellu bilfors jillokja l-magna, u dan billi daħħal pin f'toqba appożita fil-magna biex ma ddurx u d-danni ġraw minħabba l-fatt illi l-magna pruvat tiġi startjata.

It-Tribunal, rigward l-ewwel eċċezzjoni, jiċħad din l-eċċezzjoni tal-kompetenza stante li kien hemm kuntatt dirett bejn ir-rikorrenti u l-intimat, u s-servizz ingħata lir-rikorrenti.

Rigward id-danni, t-Tribunal jinsab iffaċjat b'żewġ verżjonijiet, wieħed tar-rikorrenti fejn qed jiġi sottomess illi kien l-intimat li kkawża l-ħsara u dak tal-intimat fejn qiegħed jgħid li ġiet ikkawżata l-ħsara minħabba l-fatt li xi ħadd prova jistartja jew imbotta l-karozza.

It-Tribunal qiegħed jagħti iktar enfasi fuq ix-xhieda ta' rappreżentant ta' Muscat Motors li huwa l-iktar wieħed indipendenti fejn qal illi sabu l-*camshaft* maqsum, illi dan jirriżulta li huwa t-tort tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda kollha u wara li ra n-nota ta' sottomissjonijiet, jikkundanna lill-intimat Vincent Micallef eżerċenti fil-kummerċ bl-isem Simblu Diesel Services, sabiex iħallas l-ammont ta' elf ewro (€1,000) favur ir-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**